

Brussell, 4 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10202/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0140 (NLE)**

**ACP 55
FIN 822
PTOM 24**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 267 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp bħala t-tieni pagament parzjali għall-2026

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 267 final.

Mehmuż: COM(2026) 267 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.6.2026
COM(2026) 267 final

2026/0140 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond
Ewropew għall-Iżvilupp bħala t-tieni pagament parzjali għall-2026**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-proposta tikkonċerna Deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tieni pagament parzjali tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji lill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp li jrid jitħallas mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp ("FEŻ") fl-2026.

Il-11-il FEŻ u FEŻ oħra li għadhom miftuħin (id-9 u l-10 FEŻ) huma ġestiti skont il-ġabra ta' regoli li ġejja:

1. il-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar tal-għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, f'konformità mal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni tal-assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea⁽¹⁾ (il-"Ftehim Intern" tal-11-il FEŻ);
2. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp⁽²⁾ ("ir-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ");
3. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2233 dwar l-impenn tal-fondi li jirriżultaw mir-rimborżi taħt il-Faċilità ta' Investiment tal-AKP minn operazzjonijiet taħt id-9, l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp⁽³⁾;
4. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1223⁽⁴⁾ dwar l-allokazzjoni ta' fondi diżimpenjati minn proġetti taħt l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp bil-għan li jiġu ffinanzjati azzjonijiet li jindirizzaw il-kriżi tas-sigurtà tal-ikel u x-xokk ekonomiku fil-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

Id-dokumenti msemmija fil-punti minn (a) sa (d) fihom l-impenji pluriennali mill-partijiet biex jappoġġaw f'livell finanzjarju lit-teżor tal-FEŻ. Ir-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ jipprevedi li jsiru kontribuzzjonijiet regolari mill-partijiet lit-teżor tal-FEŻ skont impenji finanzjarji determinati minn qabel. Il-kontribuzzjonijiet regolari jiskattaw minn Deċiżjonijiet tekniċi tal-Kunsill li jirriflettu l-implimentazzjoni ta' impenji finanzjarji deċiżi minn qabel.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat

Mhux applikabbli

• Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Mhux applikabbli

(1) ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1

(2) ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1-21

(3) ĠU L 437, 28.12.2020, p. 188-191

(4) ĠU L 188, 15.7.2022, p. 147

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

F'konformità mal-Artikolu 19(3) tar-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ, il-Kunsill irid jiddeċiedi dwar din il-proposta mhux aktar tard minn 21 jum kalendarju wara li l-Kummissjoni Ewropea, li taġixxi f'isem l-Unjoni Ewropea, tippreżenta din il-proposta.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux applikabbli

- **Proporzjonalità**

Mhux applikabbli

- **Għażla tal-istrument**

Mhux applikabbli

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Mhux applikabbli

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Mhux applikabbli

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp bħala t-tieni pagament parzjali għall-2026

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, f'konformità mal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokkazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) flimkien mal-Artikolu 14(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 19(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 1 tal-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, il-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni għal kull parti għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) huwa stabbilit⁽³⁾.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877, il-Bank Ewropew tal-Investment ("BEI") għandu jibgħat lill-Kummissjoni l-istimi aġġornati tiegħu tal-impenji u tal-pagamenti taħt l-istrumenti li jimmaniġġa.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 19(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta sal-15 ta' Ġunju 2026 li tispeċifika l-ammont tat-tieni pagament parzjali tal-kontribuzzjoni għall-2026.
- (4) Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 sejħiet għal kontribuzzjonijiet għandhom l-ewwel jużaw l-ammonti previsti fil-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp ("FEŻ") preċedenti. Għaldaqstant, jenħtieġ li ssir sejhja għall-fondi għall-BEI u għall-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2018/1877.
- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2324⁽⁴⁾ tiffissa l-ammont annwali tal-kontribuzzjoni li għandu jitħallas mill-partijiet għall-FEŻ għall-2026 għal EUR 700 000 000 għall-Kummissjoni⁽⁵⁾.

(1) ĠU L 210, 6.8.2013, p.1, ELI: http://data.europa.eu/eli/treaty/tfeu_2016/oj.

(2) ĠU L 307, 3.12.2018, p.1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1877/oj>.

(3) ĠU L 210, 6.8.2013, p.1, ELI: http://data.europa.eu/eli/treaty/tfeu_2016/oj.

(4) ĠU L 2324, 14.11.2025, p.1 ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2324/2025-11-14>

- (6) Sabiex il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni jkunu jistgħu jiġu applikati minnufih, jenħtiegħ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ammont tal-kontribuzzjonijiet li għandu jitħallas mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp bħala t-tieni pagament parzjali għall-2026 huwa b'dan stabbilit għal EUR 250 000 000 għall-Kummissjoni.

Artikolu 2

Il-kontribuzzjonijiet individwali tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp lill-Kummissjoni Ewropea bħala t-tieni pagament parzjali għall-2026, f'konformità mal-Anness.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President
[...]

⁽⁵⁾ Il-BEI talab is-sehem kollu tiegħu tal-11-il FEŻ bl-ewwel pagament parzjali tal-2025.